**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 10 – IT-TNEJN, 18 TA' NOVEMBRU 2019 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Trevor Fenech | Sindku |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| | David Dalli | Kunsillier |
| | Tania Borg | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Joe Aquilina | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 9**

1.1 Fil-parafrafu 4.2 għandha tidħol "is-Segretarju".

1.2 Fil-paragrafu 5.2 "għandha tidħol u minflok isir street furniture".

1.3 Is-Sur Trevor Fenech ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Tania Borg issekondat. Kien hemm 7 favur u 1 astensjoni.

**2 Punti mtella mill-Minuti 9**

2.1 Dwar punt 5.6, is-Sinjura Joan Farrugia fakkret lill-Kunsill li qed issir wirja ta' proġetti tal-upcycling bħala parti mill-inizjattiva ta' EWWR.

2.2 Dwar punt 4.2, is-Sur Etienne Bonello Du Puis talab biex jiġi nfurmat id-DLG dwar dan ix-xiri ta' arbli għal Ġnien G M Camilleri. Is-Sur Dominic Cassar żied li l-Kunsill tan-Naxxar ħareġ sejħa pubblika biex arbli bħal dawn jinxtraw.

2.3 Dwar punt 6.3, is-Sur Dominic Cassar ilmenta li hemm bżonn żbir fi Triq Wied Għollieqa. Hu nforma lill-Kunsill dwar iż-zebra crossing fi Triq Bellavista li hemm ħsara taħt l-art u sar rapport lil Enemalta. Hu talab ukoll biex isir komunikazzjoni lil IM dwar l-ilma li jinġabar fi Triq tal-Balal quddiem l-istage kull meta tagħmel ix-xita.

2.4 Dwar punt 6.4, is-Sur David Dalli ilmenta li hemm bżonn li jsir xogħol ta' patching f'diversi toroq speċjalment fit-triq prinċipali. Hu lmenta wkoll dwar tower crane li hemm fi Triq iċ-Ċirasa.

2.5 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici lmenta dwar No Right Turn fi Triq il-Lunzjata. Għandha isir site visit fuq il-post.

6.25pm Is-Sur David Dalli ħareġ mil-laqgħa bi protesta .

**3 Pagamenti Numru 9**

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm approvazzjoni wkoll il-petty cash għax-xahar ta' Ottubru.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Għandha tiġi kkomunikata data għall-ftuħ uffiċjali tax-xogħlijiet li saru fil-Ġnien f'Ta Żwejt.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar il-pjanti ppreżentati mis-Sindku dwar Ġnien Ġorġ Zarb, Triq iż-Żebbuġ u fejn il-Kappella tal-Propostru. Għandha ssir site visit mal-Perit.

4.3 Kien hemm qbil unanimu dwar l-Accounts ta' Quarters 1 u 2.

4.4 Dwar l-attività taċ-Charity Dinner, kien hemm qbil li jiġu vvutati 1000 Euro budget għall-kiri tal-post, kif ukoll 500 Euro għal entertainment u spejjeż oħra. Il-fondi miġbura minn din l-attività jmorru għal Marigold Foundation.

4.5 Għandu jsir party għħt-tfal minn snin 4 sa 12 fil-21 ta' Diċembru 2019 fl-iskola.

**5 Korrispondenza**

5.1 Ġiet innutata ittra ta' ringrazzjament mill-Kummissjoni Missjoni San Ġwann għal għajnuna li għamel il-Kunsill.

5.2 Kien hemm qbil li jsir kuntatt ma’ persuna li offriet li jsiru korsijiet tal-fotgrafija fil-Kunsill.

5.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill jipparteċipa fil-proġett ta' ħolqien ta' CD.

5.4 Għandu jiġi mistieden rappreżentanti mill-Wasteserv u Ambient Malta biex iservu bħala ġurija għall-kompetizzjoni tal-upcycling.

5.5 Kien hemm qbil li l-Interviewing Board għal post vakant ta' skrivan jikkonsisti minn Violet Bajada, Dominic Cassar u s-Segretarju Eżekuttiv.

5.6 Kien hemm qbil li tinkera karozza għal użu tal-anzjani. Wara li kien hemm diskussjoni u ġew analizzati t-tliet kwotazzjoni, kien hemm qbil unanimu li tintgħażel dik ta' Jason Car hire, bi prezz ta' 20 Euro kuljum.

5.7 Kien hemm qbil li jinxtara laptop għall-użu tas-Segretarju Eżekuttiv.

5.8 Kien hemm qbil li jiġi ffinanzjat il-first aid għal christmas village li ser issir bejn is-6 u 8 ta' Diċembru 2019.

5.9 Kien hemm qbil li jsir trasport għall-parteċipanti ta' Għaqal id-Dar.

5.10 Il-Kunsill ġie mfakkar li għandha ssir żjara ta' kortesija mill-Kap tal-Oppożiżżjoni.

5.11 Ġiet innutata li saret iż-żjara ta' kortesija minn delegazzjoni mit-Turkija.

5.12 Kien hemm qbil li jsir mużika tal-Milied fi Triq in-Naxxar waqt iż-żmien tal-Milied.

5.13 Kien hemm qbil unanimu li ssir l-għajnuna finanzjara lill-Għaqda Piroteknika biex dawn jirrappreżentaw lil San Ġwann f'kompetizzjoni tan-nar . Kien hemm qbil li din l-għajnuna tkun ta' 2000 Euro. Dawn il-fondi ser jiġu mir-Reġjun.

5.14 Kien hemm qbil li jsiru street furniture f'Ta' Żwejt u fi Triq Salvu Busuttil fil-partijiet fejn hemm il-ftuħ.

7.00pm Is-Sur Etienne Bonello Du Puis u s-Sinjura Violet Bajada skużaw ruħhom mil-laqgħa.

5.15 Dwar il-Mixela kien hemm qbil jitqabdu performers biex issir in-Nut Cracker u wara jkun hemm xi refreshments, kif ukoll filming u jinhareg filmat.

5.16 Kien hemm qbil għal No Objection għall-proposta ta' tabella biex tindika d-distanzi. Din it-tabella għandha ssir quddiem il-Knisja. Kien hemm qbil li jiġu printed 500 leaflet.

5.17 Kien hemm qbil li jiġu vvutati budget ta' 1000 euro għal party tal-anzjani.

5.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu għamel żjara f'Comiso flimkien ma' rappreżentanti tal-każin tal-banda għal possibbiltà ta' ko-operazzjoni bejn iż-żewġ lokalitajiet. Hu nforma lill-Kunsill li l-ispejjeż saru minnu u mhux mill-Kunsill.

5.19 Kien hemm qbil li tinbidel l-istatwa tal-Madonna li hemm fi Triq il-Plejju kif ukoll issir oħra fis-soft area fi Triq il-Kappella.

5.20 Kien hemm reminder dwar l-artikli tal-Ħuġġieġa.

5.21 Kien hemm qbil li tinhareg sejha ghal driver mal-kunsill kif ukoll contracts manager.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

6.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.20pm. Ġie deċiż li laqgħa li jmiss issir it-Tnejn, 2 ta' Diċembru 2019 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Trevor Fenech** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |